MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Avviz Numru. 38/2012

**Carmel Sammut u Gladys Sammut**
**vs**
**Vella Brothers (Tal-Bidnija) Limited (C 16114)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-27 ta’ Jannar 2012 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta trodd lura lill-atturi s-somma ta’ sitt elef, disa’ mija, tmienja u tmenin Ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12) rapprezentanti parti mid-depozitu mhallas mill-atturi lis-socjeta’ konvenuta fuq konvenju ffirmat fl-10 ta’ Marzu 2005 liema somma l-istess socjeta’ konvenuta obbligat ruhha li thallas lura lill-atturi permezz ta’ skrittura tas-26 ta’ Settembru 2005 meta gie xolt l-istess konvenju. Minkejja li s-socjeta’ konvenuta weghdet illi se thallas din is-somma, dina baqghet inadempjenti minkejja li giet ukoll mitluba diversi drabi biex thallas dan l-ammont.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tad-29 ta' April 2008 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghaxijiet mid-data tal-ittra ufficcjali sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikati bit-talba attrici u dan kif jirrizulta mit-timbru tal-Purtier Saviour Falzon misjub fl-atti a fol. 6.

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' April 2012 is-socjeta' konvenuta nghatat cans sabiex tirregola ruhha stante li l-pretensjonijiet kollha tal-atturi gew saldati stante li sar l-hlas u ghalhekk il-partijiet kellhom jirregolaw ruhhom dwar l-ispejjez.

Rat illi nonostante din l-opportunita' moghtija lilha, s-socjeta' konvenuta baqghet ma waslet ghall-ebda ftehim u lanqas ipprezentat xi eccezjonijiet.

Illi fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2012, ir-rikorrenti pprezentaw kapitolu fil-konfront tas-socjeta' konvenuta, fejn ikkonfermaw illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tal-atturi fl-ammont ta' elf, sitt mija u disgha u tmenin Ewro (€1,689) kif spjegat minnhom fl-istess kapitolu.

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2012, is-socjeta' konvenuta giet imsejha izda ma deherx, la biex tikkontesta t-talba tal-attur u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tal-attur jghid li s-sorte gie ihallas, tiddeciedi li tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' elf, sitt mija u disgha u tmenin Ewro (€1,689) rapprezentanti imghaxijiet mid-29 ta' April 2008 sat-30 ta' Marzu 2012.**

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tikundanna s-socjeta' konvenuta thallas l-ispejjez tal-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------